



24.6.2015

0024/2015

## **DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB**

imressqa skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar it-tisħiħ tal-istrateġija tal-UE għaż-Żona tal-Atlantiku

**José Blanco López (S&D), Isabelle Thomas (S&D), Francisco Assis (S&D),  
Cláudia Monteiro de Aguiar (PPE), Ramón Jáuregui Atondo (S&D),  
Maite Pagazaurtundúa Ruiz (ALDE), Derek Vaughan (S&D),  
Fernando Ruas (PPE), Liliana Rodrigues (S&D), Clare Moody (S&D),  
Juan Fernando López Aguilar (S&D), Ricardo Serrão Santos (S&D),  
Jonás Fernández (S&D), Soledad Cabezón Ruiz (S&D)**

Data ta' skadenza: 24.9.2015

**Dikjarazzjoni bil-miktub, skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew, dwar it-tisħiħ tal-Istrateġja tal-UE għaż-Żona tal-Atlantiku<sup>1</sup>**

1. Iż-żona tal-Atlantiku, il-bieb lejn il-Punent tal-UE u fruntiera ta' spazju marittimu dinamiku kif ukoll ambjent ta' baħar fraġli, hija territorju mbiegħed magħmul pjuttost minn ġabra eteroġena ta' reġjuni, li ħafna minnhom għadhom ma laħqux il-livell ta' dħul medju tal-UE.
2. Il-kriżi Ewropea għarrqet aktar is-sitwazzjoni tagħhom, u ħafna mit-territorji taż-żona Atlantika sofrew kontrattempi fil-livell ta' żvilupp tagħhom, filwaqt li baqgħu fl-ambitu ta' konverġenza tal-politika ta' koeżjoni Ewropea.
3. Dawn it-territorji għalhekk jeħtieġu li jiġu pprovduti bi żvilupp sostenibbli f'termini soċjali, ekonomiċi u ambjentali, filwaqt li titqies il-ħtieġa għal politika industrijali tal-Atlantiku, għal tqassim, għal pjan ta' azzjoni għal 2020 kif ukoll tisħiħ tal-ekonomija "blu" minħabba l-potenzjal kbir tagħha fil-ħolqien ta' tkabbir u impjiegħi.
4. Il-Kummissjoni għaldaqstant hi mitluba li ssaħħa l-Istrateġja għaż-Żona tal-Atlantiku, bi qbil mar-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Settembru 2012 dwar Strateġija għar-Reġjun tal-Atlantiku fil-qafas tal-Politika ta' Koeżjoni tal-UE (2011/2310(INI)) u tad-9 ta' Marzu 2011 dwar Strateġija Ewropea għar-reġjun tal-Atlantiku.
5. Din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, qed tintbagħat lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

<sup>1</sup> Bi qbil mal-Artikolu 136(4) u (5) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, meta d-dikjarazzjoni tkun iffirmata minn maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, għandha tīgi ppubblikata fil-minuti bl-ismijiet tal-firmatarji tagħha u tintbagħat lid-destinatarji, mingħajr madankollu ma torbot lill-Parlament.